MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 322/2007

Joseph Farrugia
vs
Zurrieq Football Club

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi l-attur kien jokkupa l-kariga ta’ President ta’ Zurrieq Football Club;

2. Illi tul din il-kariga tieghu huwa sellef somma ta’ flus lill-istess Club;

3. Illi l-Club konvenut huwa debitur fil-konfront ta’ l-attur u dan fis-somma ta’ tlieta u erbghin elf u mitt lira Maltin (Lm43,100);

4. Illi *nonostante* l-interpellanzi sabiex jinghata lura dak li hu dovut lilu, il-Club baqa' inadempjenti;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li Zurrieq Football Club konvenut huwa debitur fil-konfront ta' l-attur u dan versu s-somma ta' tlieta u erbghin elf u mitt lira Maltin (Lm43,100);

2. Tordna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur bl-imghax skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Club konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li biha esponiet:

1. Illi preliminarjament Zurrieq Football Club eccepixxa n-nullita` tal-lista tax-xhieda prezentata mar-rikors guramentat promotur, u dan *stante* li ma tissodisfax ir-rekwizit ta' l-Artikolu 156 subinciz (4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba kif rivolta fil-konfront ta' Zurrieq Football Club hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, *stante* li Zurrieq Football Club qatt ma rcieva xi self minghand l-attur;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess, ma huwiex minnu li l-attur interpella lil Zurrieq Football Club ghal hlas ta' xi allegat self;

4. Illi, *di piu`*, u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talba ta' l-attur kif rivolta fil-konfront ta' Zurrieq Football Club hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ma tezisti l-ebda somma li Zurrieq Football Club ghandu jhallsu lill-attur.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata minn Zurrieq Football Club.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi fis-27 ta' Frar, 2008 il-Club intimat irtira l-eccezzjoni dwar in-nullita` minhabba l-lista tax-xhieda.

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Carmel Mangion fejn semma li kien il-President taz-Zurrieq Football Club mill-1981 sal-1996. Zied li sal-perijodu meta hu kien President, Joseph Farrugia kien silef lil club is-somma Lm23,685. Stqarr li jaf ukoll li wara ftit snin l-attur kien sellef lill-*Club* is-somma globali ta' madwar Lm43,000. Dan is-self kien jitnizzel kull sena fid-dokumenti. Qal li ma sar ebda hlas lura. Kienet prassi li *club* jirritorna l-flus lura sakemm ma jinhafrix mill-President.

Gie prezentat affidavit ta' Vincent Gauci fejn semma li fl-2000 kien dahal jaghmel parti mill-Kumitat taz-Zurrieq Football Club bhala Segretarju. Semma li l-President tal-Kumitat ta' dak iz-zmien kien Joe Farrugia. Hu kien spicca mill-kariga wara xi tliet snin. Kien jaf li l-*Club* kien issellef somma kbira ta' flus minghand Joseph Farrugia, u din kienet somma ta' madwar Lm43,000, liema somma l-*Club* kellu jhallasha lura. Zied li anke hu kien silef flus lill-*Club*. Kienu jimlew id-dokumeni (l-*income* u l-*expenditure* tal-*Club*) u s-*self* kien jitnizzel f'dawk id-dokumenti, li kienu jintbaghtu lill-MFA.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Farrugia fejn semma li kien dahal jaghmel parti mill-Kumitat taz-Zurrieq Football Club fis-sena 1992-1993. Kien vici President u l-

President kien Carmel Mangion. Maz-zmien lahaq President ta' Zurrieq Football Club. Semma li s-sistema kienet li jekk dan id-dejn ma jithallasx fl-ahhar tas-sena l-MFA u *cioe`* l-Malta Football Association ma kenitx iggeddidlek il-licenzja. Tul il-kariga tieghu kien silef lill-*Club* is-somma ta' Lm43,100. Semma li spicca mill-Kumitat ta' Zurrieq Football Club xi tliet snin qabel l-affidavit (24/06/08).

Irrefera ghall-ittra ffirmata mill-President Charles Camilleri fil-31 ta' Lulju, 2005 li kien issuggerielu li jahfer id-dejn taghhom mieghu biex huma jaccettaw xi proposti tieghu dwar *sponsors*.

Ipprezenta kopja tal-*Balance Sheet* tal-Klabb tas-snin fejn hemm miktub li l-*Club* ghandu jaghtih dik is-somma. Semma diversi kredituri ohra, u li l-*balance sheet* tal-*Club* tkun iffirmata mill-President, mill-kaxxier u miz-zewg awdituri. Dawn huma kopji tad-dokumenti li kienu jibghatu lill-MFA kif suppost jaghmlu. Fis-sena 1998/1999 is-somma li silef lill-*Club* qieghedha mnizzla f'pagna 6 u hi dik ta' Lm23,643. F'pagna 7 ta' dan id-dokument hemm il-firem ta' Vincent Bellizzi, ta' Saviour Saliba, tal-President ta' dak iz-zmien u cioe` Salvu Farrugia u tat-tezorier Baskal Farrugia.

Dan hu ripetut f'pagna 6 tal-*balance sheet* riferibbli ghas-sena 1999/2000 fol 39 tal-process. F'pagna 54 ghall-2000/2001 l-ammont dovut huwa ta' Lm23,643, waqt li f'pagna 46 l-ammont jitla' ghal Lm28.047 riferibbli ghas-snin 2001/ 2002. F'fol 62 riferibbli ghal 2002/2003 l-ammont dovut lir-rikorrent huwa Lm37,774, waqt li a fol 70 ghas-snin 2003/2004 jammonta ghal Lm43,100. A fol 75 jirrizulta l-istess ammont riferibbli ghas-snin 2004/2005.

Xehed <u>Alex Manfre`</u>, Tezorier tal-Malta Football Association, u qal li huma ma jivverifikawx il-kontijiet izda l-*clubs* ghandhom l-obbligu li jinfurmawhom dwar debiti. Semma li dawn il-*balance sheets* huma rikjesti mir-regolamenti ta' l-MFA. Semma wkoll li bhala procedura jintbaghat rapprezentant ta' l-MFA ghal-Laqghat Generali.

Xehed Carmel Camilleri li qal li kien jokkupa l-kariga ta' President ta' Zurrieq Football Club bejn 2005 u 2008. Is-Sur Farrugia, l-attur, kien jokkupa l-kariga qablu u dan bejn 2000 u 2005. Ma kien jaf bl-ebda ftehim fuq l-Lm40,000. Hu ma kienx parti mill-kumitat fiz-zmien li kien l-attur President. Ma kienu sabu ebda spjegazzjoni ta' dik il-figura, u anqas ir-rikorrent ma tahom ebda spjegazzjoni. Mill-minuti ma nstab xejn dwar dan is-self.

Zied li huwa veru pero` li huma gieli talbu lir-rikorrent biex jahfer dan id-debitu, dan wara li jghidilhom x'inhuma ezattament.

Xehed Salvu Farrugia u qal li ilu jiffrekwenta l-kazin Zurrieq Football Club bil-kumitat ghal xi 30 sena. Kien hemm drabi meta kien President. Sostna li meta tohrog il-flus mhux ghax jitolbok il-*club* jew il-kumitat imma ghaliex tohroghom jekk trid. Zied li hu ma kienx jaf b'din il-figura ta' Lm43,100.

Xehed Carmel Cutajar u qal li ghall-habta tas-sena 2000 u 2001 kien Vici President ta' Salvu Farrugia. Sostna li Farrugia ma kellux ricevuti. Irrefera ghal istanza darba meta t-tifel ta' Joseph Farrugia, Philip Farrugia, kien mar jilghab mal-Hamrun u hu kien staqsa kif dan inghata r-*release* u mar jilghab mal-Hamrun. Meta fil-fatt Joseph Farrugia kien sema' b'dan kien qata' elf minn dak dovut lilu u dan ghaliex Philip Farrugia qabel kien jilghab maz-Zurrieq.

Gie prezentat affidavit ta' Pasquale Farrugia fejn semma li hu kien membru tal-kumitat ghal madwar sentejn meta gara l-kaz u kienu ghamlu risoluzzjoni fuq il-*Club* taz-Zurrieq FC sabiex jiehdu *loan u overdraft* mill-Bank of Valletta. "Jiena kont kontra li niffirma ghal dan il-*loan* ghax kont perswaz li ma kienx ser ikollu dhul ta' flus li kien sejjer jissellef u dan espremejtu waqt il-laqgha."

Kienu saru xi laqghat bi ftit nies u ma kienx intlahaq qbil minhabba l-biza' li dawn il-flus ma setghux jithallsu lura. In segwitu beda x-xoghol fil-*Club* u beda miexi gmielu u rega' ltaqa' l-kumitat sabiex jiddiskutu fuq il-progress li

kien qieghed isir u l-possibbilta` li l-*Club* jerga' jiehu *loan* iehor. Wara iddecieda li ma jibqax aktar fil-kumitat.

Gie prezentat affidavit ta' Alfred D'Amato fejn semma li hu kien membru tal-kumitat ta' Zurrieq FC ghal hafna snin u okkupa hafna karigi bhala *masseur*, *assistant* kaxxier, segretarju u kaxxier. Zied li Farrugia kien ihallas lill-*players* u jikteb noti fuq *note book* tal-*Farell Bathroom Centre* u hu qatt ma accettahom u anke kien jghidlu kemm-il darba li l-Kazin kien il-post ta' Zurrieq FC u mhux il-hanut tieghu ta' *Farell Bathroom*. Esprima dubji kif l-attur kien izomm il-kontijiet.

L-ahhar li kien kaxxier tieghu fil-kotba tieghu kien baqalu bilanc favur ta' Lm7,000. Meta qallu waqt laqgha tal-Kumitat kien ghajru mignun u hadlu l-*Ledger* li kien jikteb fuqu u tah lis-Segretarju Vince Gauci. Zied li fl-ahhar tas-*season* 2004/5 ma ffirmax il-*Balance Sheet*.

Qal ukoll:
"Sena wara li spicca Joe Farrugia minn President, f'Gunju ta' 2006 kont mort mas-Sur Charles Camilleri President 2005/6 u membru iehor tal-kumitat is-Sur Mario Ghigo ghand l-awditur professjonali Carmel Sciriha, li kien lestilna l-*accounts* ghas-sena 2005/6 u qalilna li suppost skond l-istess *ledger* li konna tajnih suppost kien hemm circa Lm7,000 favur il-*club*, somma li l-kumitat ta' 2005/6 qatt ma kienet giet moghtija."

Gie prezentat affidavit ta' Anthony Caruana fejn semma d-dispjacir tieghu ghall-mod kif tmexxa l-*Club* taz-Zurrieq wara li telaq hu fl-1991.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din hija kawza bazata fuq kredibilita` u fuq dokumenti esebiti. Id-dokumenti esebiti jaghtu s-sahha lill-argument tar-rikorrent minhabba li d-dejn mitlub mir-rikorrent jirrizulta registrat fil-*balance sheets* li l-istess socjeta` intimata baghtet minn zmien ghal zmien lill-MFA. Dawn

wahedhom iwasslu ghall-fatt li r-rikorrent hu kreditur tal-*club* intimat fis-somma ta’ Lm43,100.

Min-naha tieghu l-*Club* intimat gab xhieda li sostnew li ma kienx hemm ricevuti li jippruvaw l-ezistenza ta’ l-ammonti pretizi. Sostnew ukoll li Lm1,000 minnhom kienu dovuti mir-rikorrenti stess u dan tar-*release* li nghata favur ibnu halli dan ikun jista’ jilghab mal-Hamrun. Il-*Club* intimat sostna li l-*balance sheets* gew manipulati b’mod li suppost hemm qligh u mhux telf, izda bhala stat ta’ fatt hemm *balance sheets* iffirmati mill-President u Kaxxier u miz-zewg awdituri. Giet prezentata ittra mibghuta mill-*Club* intimat fejn ir-rikorrent intalab jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu. Dawk l-iskedi tal-*balance sheets* bhala stat ta’ fatt kienu gew ricevuti mill-MFA u dan gie konfermat mis-Sur Alex Manfre`. Il-fatt li l-*Club* diversi drabi talab il-mahfra tal-flus ta’ dejn juri li s-soci kienu xjenti tad-dejn li kien jirrizulta favur ir-rikorrent.

L-ewwel eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 156(4) tal-Kap 12 kienet giet irtirata.

Il-Qorti tichad l-eccezzjoni li l-*Club* intimat qatt ma rcieva xi self ta’ flus minghand ir-rikorrent u dan minhabba l-fatt li tidher fir-*returns* mibghuta lill-MFA.

Thoss li l-ammont mitlub huwa gustifikat hlief ghall-ahhar Lm1,000 li l-*Club* kellu dritt ghalih ghat-*transfer* ta’ iben ir-rikorrent.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-*Club* intimat, tilqa’ t-talba tar-rikorrent ghal Lm42,100 ossija €98,066.62.

Tikkundanna lill-*Club* intimat ihallas dan l-ammont.

Dwar l-imghax, peress li l-ammont ma kienx ghadu ma giex likwidat, dan jiddekorri mil-lum.

Spejjez 39/40 ghall-*Club* intimat u 1/40 ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------